# O Żmien Ħelu

tagħrif u ritratti minn
Raymond C. Xerri, B.A.(Hons.)(USA), EU.Sch.(FRG), D.D.S., M.A.(Dip.St.)

## Il-Kalati jew *Cart-ruts*

Iż-żewġ awturi u studjużi Ingliżi mill-Istitut għar-Riċerka Kulturali fl-Ingilterra, Rowland Parker u Michael Rubinstein fil-ktieb tagħhom ***Malta's Ancient Temples and Ruts*** jgħidulna li l-kalati li jinstabu fil-Lvant t'Għawdex, partikularment fil-Qala huma fost l-eqdem u fejn jeżisti l-akbar numru ta' kalati f'post wieħed fid-dinja. Il-bniedem kien jgħix fir-raħal tagħna sa mill-bidu tal-istorja d-dokumentata, jiġifieri minn żmien pre-istoriku.

Il-kalati jew l-*cart-ruts* huma ġeneralment żewġ kalati jew par, biswit xulxin imnaqxin f'art żonqrija maż-żmien permezz għodda li kien juża l-bniedem meta kien jagħdi minn fuqhom. Ħafna drabi dawn il-kalati jinsabu f'art xagħri u mhux għalkemm tinduna bihom. Id-distanza bejn kalata u oħra ġeneralment tkun madwar 140 ċentimetru (55 pulzier), xi drabi ftit aktar jew inqas. L-akbar sett tlaħħaq 150 ċentimetru jew 59 pulzier. Għalkemm dawn il-kalati jidhru li d-distanza bejn kalata u oħra hija l-istess, meta wieħed juża rotella jinduna li din id-distanza tista' tvarja b'ftit ċentimentri fl-istess par kalati.

Fil-Qala hawn mill-anqas tlett siti fejn insibu cart-ruts skond Parker u Rubenstein, iżda' riċentiment insabu oħrajn mill-istoriku tal-Qala, Anton Buttigieg, P.E.P. Dawn il-kalati kienu ta' *cart-rut* waħda, tnejn jew par u anke sa ħamsa. Il-kalata b'linja waħda u ta' tnejn konna nsibuha fil-limiti ta' Għar id-Dar li flokhom illum hemm il-barriera tal-Għar id-Dar, sfaw vittmi tal-"progress". Par kalati oħra jinsabu fl-inħawi ta' fuq ir-riħ tal-Wileġ, oħrajn fl-limiti msejjħa ta' Kordina, qrib sew tas-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni. Numru ġmielu ta' kalati nqerdu fil-proċess tal-qtiegħ tal-blat żonqri mill-barriera ta' Ħondoq ir-Rummien. Riċentament sibt kalata waħda ħdejn il-Mitħna ta' Randu, f'post li fortunatament għadu mhux mibni. Hemm iżjed mifruxin mal-periferija tar-raħal kollu. Ħafna minn dawn il-kalati huma mdawra wkoll b'ħafna ħitan tas-sejjiegħ iffurmati minn ġebel tal-qawwi, ħafna akbar minn dawk li normalment naraw f'ħitan tal-qawwi komuni. Insibu jew konna jnsibu ġiren, deffuna, ħofor u bċejjeċ tal-fuħħar ta' kull żmien. Li hu żgur hu, li wieħed jieħu l-impressjoni li f'dawn l-inħawi kienu jeżistu wħud mid-djar ta' dawk in-nies bikrin fl-istorja ta' pajjiżna. Fejn kienu jaħdmu l-ġebel għad-djar u l-eluf ta' kilometri ta' ħitan tas-sejjiegħ. Kienu qrib ħafna tal-post fejn eluf ta' snin wara nbena s-Santwarju tal-Immakulata



*Kalata weħidha li kont sibt ħdejn il-mitħna ta' Randu fi Triq il-Mitħna*



*Kalati oħra li jinsabu fil-limiti tal-Wileġ*



*Girna ta' żmien pre-istoriku li tinsab ħdejn il-kalati ta' Kordina. Il-karatteristika ewlwnija tagħha huwa l-mod kif inhi mibnija b'bażi ta' ġebel tat-tempji.*



*Il-kalati ta' Kordina qrib ħafna tas-Santwarju tal- Kunċizzjoni*



*Kalati oħra fil-limiti ta' Kordina, fil-Qala*

Kuncizzjoni... forsi wkoll mill-istess ġebel kbir u żonqri li kien hemm qrib il-kalati, ta' djar antiki pre-istoriċi.

Wieħed jistaqsi, għaliex saru dawn l-kalati kollha? Għalxiex kienu jintużaw? X'kien jagħdi minnhom? Kalati għal ġbir tal-ilma? jew għal xi karettun miġbud minn xi bima? Ħafna mistoqsijiet, ftit risposti u xejn dokumentazzjoni. L-opinjoni tal-arkeoloġisti hi maqsuma. Hemm min jaħseb li dawn il-kalati saru biex il-bdiewa jew il-bennejja tal-ħitan tas-sejjiegħ setgħu b'iktar faċilita' jġorru l-ġebel mill-barrieri għall-postijiet ċentrali. Jekk il-karrettun kien isib forma ta' linji bħal ta' ferrovija, il-ġbid mill-bniedem jew il-bima kien isir iktar faċli u b'inqas tbatija. Hemm oħrajn li jaħsbu li saru biex jservu ta' ħażna, ġarr u direzzjoni għall-ilma tax-xita għal ġo l-għelieqi. L-ilma li jsib ruħu f'20 ċentrimentru forn, jdum biss siegħa espost għax-xemx, u għalhekk jdum ħafna iżjed ma' jevapora jew jinxtorob mis-sħana tax-xemx. Ħaġa oħra hi li l-blat żonqri ma' tantx jassorbi l-ilma tax-xita malajr, anzi trid tkun ix-xemx li tassorbi dan l-ilma. Niftakru li l-bniedem pre-istoriku lanqas kien joħlom li jkollu vit tal-ilma, aħseb u ara l-ilma b'abbundanza. Il-ħażna tal-ilma f'dawn il-kalati kien jtaffi ftit mit-tbatija li jkollu biex jsib ilma tajjeb għax-xorb.

Fir-raħal tagħna xi darba kellna medda akbar ta' *cart-ruts* li kienu jestendu madwar ir-raħal kollu. Pero' maż-żmien partijiet sostanzjali minn dawn il-kalati nqerdu. Ħafna minnhom kienu fil-blat u oħrajn kienu jagħdu mill-għelieqi u medda torba. Min jaf kemm batew missirijietna biex qatgħu u ġarrew dak il-ġebel kollu biex bnew il-kilometri sħaħ ta' ħitan tas-sejjiegħ u d-djar tagħhom. O żmien ħelu ... fejn int?



*Kalati oħra li jinsabu fl-inħawi ta' Gafan, fil-Qala*

L-Arcipriet, Sacerdoti, il-Membri tal-Kunsill Parrokkjali jaghtu l-Milied it-Tajjeb u Sena Gdida mimlija Risq u Barka